# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 12 ta' Dicembru 2001**

**Avviz. numru 345/01**

**Numru 29**

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Graziella BenDaoud**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' hames mija u hamsa u tmenin lira Maltin u erbgha u disghin centezmu (Lm585.94) rappresentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 895909 li jgib il-klient numru 36009 (skond kif jirrizulta mill-"statement" Dok A anness mal-avviz) liema servizz gie stallat fil-fond numru 71, Triq il-Kbira, Zabbar, u dana skond ma kif jidher mis-"service agreement" anness mal-avviz Dok B.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-avviz, u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuta li giet ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat id-dokumenti a fol 2 u fol 3 tal-atti kif ukoll dak verbalizzat a fol 10 u fol 11 tal-istess atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment, il-konvenuta naqset u ma dehritx fit-28 ta' Novembru 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm584.84,0 bl-imghaxijiet legali mit-18 ta' April 2001 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali.

Alan Calleja
Deputat Registratur